MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 6/2012

**Roderick Borg**

**vs**

**Hospitality Services Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-8 ta' Jannar 2010 u fis-17 ta' Frar 2012 il-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjonijiet fl-ismijiet premessi fejn f'dik tat-8 ta' Jannar 2010 inghad is-segwenti: -
*"Rikors*

*Illi b'dikjarazzjoni datata 2 ta' Ottubru tas-sena 2007, l-appellant talab lil din it-Tribunal jiddikjara t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta' intimata ghal raguni mhux gusta u dana peress li hass li ma giex moghti l-okkazzjoni li jiddefendi ruhu mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.*

*Da parti taghha s-socjeta' intimata pprezentat eccezzjoni preliminari fis-sens illi una volta l-impjegat kien ghadu fil-perjodu tal-impjieg tal-probation allura f'dak it-terminu ma setghux iqumu kwistjonijiet fuq terminazzjoni tal-impjieg.*

*B'verbal maghmul bejn il-partijiet fil-25 ta' Jannar tas-sena 2008 il-partijiet qablu fuq il-fatti tal-kawza kif rizultanti mill-atti processwali u irrimmetew ruhhom ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal rigward l-istess eccezzjoni.*

***Fatti:***

*Fil-kuntratt ta' xoghol datat 28 ta' April tas-sena 2007 is-socjeta' intimat impjegat lil appellant bhala part time staff mal-Golden Sands Hotel Ghajn Tuffieha u dana ghal perjodu tas-sajf sat-30 ta' Settembru tal-istess sena 2007.*

*Il-klawsola 11 tghid:*

*"All the above and any other conditions not mentioned above are regulated by the laws of Malta."*

*Inqalghet kwistjoni fuq ix-xoghol u bhala forma ta' dixxiplina is-socjeta' intimata itterminatlu l-impjieg mid-data tal-istess incident. L-appellant f'dawn ic-cirkostanzi irrikorra ruhu lejn dan it-Tribunal.*

*Is-socjeta' intimata in difesa taghha taghat din l-eccezzjoni preliminari u fuqha qed tibbaza din l-azzjoni.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Huwa maqbul bejn il-partijiet illi l-impjieg tal-appellant huwa*
*regolat bil-kuntratt fuq indikat ghal perjodu ta' hames (5) xhur. Ghar-rigward ta' probation dana ma jaghmel l-ebda referenza ta' xejn pero` jghid illi kundizzjonijiet ohra huma regolati bil-ligi nostrali.*

*Ghar-rigward ta' probation il-ligi taghna taghmel referenza ghal artiklu 36 tal-att dwar l-Impjieg u relazzjonijiet Industrijali fejn sub artiklu I li jghid:*

*"Minghajr pre-gudizzju ghal sub artiklu 16 l-ewwel sitt (6) xhur ta' kull impjieg taht kuntratt ta' servizz ghandu jkun perjodu ta' probation sakemm il-partijiet ma jaqblux ghal perjodu iqsar"*

*Dan l-artiklu japplika sia ghal impjieg full-time u sia part-time.*

*Aktar u aktar meta l-istess kuntratt ta' xoghol bejn il-partijiet karenti lenti f'dan ir-rigward.*

*Fil-kaz Rita Livori vs Thilakin School decizjoni Nru 600 ta' 6 ta' Dicembru tal-1994 gie deciz illi il-probation period japplika sia ghal imjieg part-time u sia full-time.*

*F'dan is-sens issir referenza wkoll ghal-kaz numru 1316 moghti fil-15 ta' Lulju tas-sena 2002, fl-ismijiet Andrea Attard vs Excel Group Limited fejn gie deciz inter alia illi ma hemmx menzjoni ta' probation f'kuntratt ma jfissirx li l-ebda probation ma japplika. F'dan il-kaz tapplika l-ligi fis-sens il-massimu rikjest mill-istess ligi.*

*L-istess Artikoli ma jaghmlux distinzjoni ghar-rigward tal-estensjoni tal-impjieg cioe` huwiex full jew part time. Diversi regolamenti jekwiparaw l-impjieg ta' part-time li ghandu jkollu l-istess drittijiet ghar-rigward ta' impjieg full-time. F'dan is-sens issir referenza ghal Legal Notice 427.02, Subsidiary Legislation 452.79 u Subsidiary Legislation 123.29.*

*Mhux hekk biss illi sub artiklu (II) tal-istess artiklu ikompli jghid illi kif l-impjieg jista' jigi terminat fi zmien tal-probation minn kull parti minghajr ma tinghata ebda raguni. Pero` f'kaz illi l-impjieg ikun ghadda iktar minn perjodu ta' xahar allura ghandu jinghata notice ta' gimgha.*

*F'dan is-sens it-Tribunal jaghmel referenza ghal-decizjoni numru 1694 Musab Al Kalbash Mifteh vs Farsons Agents*

*Burmarrad fejn ancorche l-principal kien kecca lil impjegat tieghu ghar-ragunijiet ta' dixxiplina fuq unikament kondotta xorta wahda skond l-istess artiklu sia l-imghallem u l-impjegat jistghu jitterminaw l-impjieg taghhom minghajr ma jaghtu l-ebda raguni.*

*F'dan is-sens issir referenza wkoll ghad-decizjoni moghtija mill-Prim' Awla fis-7 ta' Lulju 2003, fl-ismijiet Carmel sive Lino Farrugia vs Alexandra Palace Hotel Ltd.*

*Pero` dana kollu japplika ghal kuntratti ta' xoghol ghal zmien indefinit. Di fatti f'kazijiet ta' kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit huwa regolat bl-Artiklu 36, sub-artiklu XI et seq.*

*F'kazijiet ta' kuntratti simili, il-kuncett ta' 'probation period' una volta mhux inkluz ex contractu bejn il-partijiet, il-ligi ma tipprovdix ghalih, izda tipprovdi zewg (2) rimedji ohra.*

*Kull parti tista' tohrog mill-kuntratt, b'dan illi ai termini tas-sub incinz XI u XII, jithallas lil parti l-ohra nofs is-somma ta' rikavat li kienu l-kuntratt kellu jigi esegwit kollu.*

*Pero` l-ligi wkoll tipprovdi fis-sub inciz XIIII, illi jista' jkun hemm raguni tajba u sufficjenti sabiex il-principal jittermina l-impjieg tieghu u/jew l-impjegat jabbanduna s-servizz tieghu minn mal-principal.*

*Id-difiza kif promossa mis-socjeta' intimata ma ssibx komfort fil-ligi nostrali u allura f'dak is-sens l-impjieg tar-rikorrent minn mas-socjeta' intimata ghalkemm jista' u setgha jigi determinat ghal ragunijiet ohra pero' mhux fuq il-bazi illi kien ghadu fuq 'probation'.*

*Il-kuncett ta' 'probation' fuq kuntratt definit jistultifika l-iskop ta' konvenzjoni kontrattwali liberament assunta reciprokament mill-partijiet.*

*Il-kuncett ta' probation ex lege japplika fil-kaz ta' kuntratt ghal zmien indefinit u dana kif stabbilit fl-istess artiklu 36 sub artiklu I, II u III. Kieku kienet is-sitwazzjoni kif qed tallega l-istess socjeta' intimat tramite l-istess eccezzjoni*

*taghha allura l-kuntratt pattwit ghal zmien definit jigi stultifikat facilment.*

*Biex jittiehed il-kaz in ezami, il-kuntratt kien ghal hames (5) xhur meta l-ligi tipprovdi minimu ta' sitt (6) xhur pero` f'kaz ta' kuntratt indefinit.*

***Konkluzjoni***

*It-Tribunal jiddeciedi illi s-socjeta' rikorrenti ma setghetx tittermina l-impjieg tar-rikorrent abbazi ta' 'probation' u tordna konsegwentement il-kontinwazzjoni tal-kaz biex jigi trattat u deciz definittavment.*

*Spejjes ta' din l-istanza jithallew ghad-decizjoni finali."*

Illi fis-17 ta' Frar 2012 il-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjonijiet fl-ismijiet premessi fejn inghad is-segwenti: -

***"Introduzzjoni***

*Illi l-appellant talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija tieghu minn mas-socjeta` intimata ma saritx ghal raguni ta' dixxipplina u ma kenitx wahda gusta.*

*Illi s-socjeta` intimata allegat li l-impjieg gie terminat fil-perjodu tal-probation, u in oltre l-impjieg gie terminat minhabba raguni ta' insubordinazzjoni u aggressjoni verbali.*

***Provi***

*Illi l-appellant xehed li kellu nuqqas ta' qbil verbali ma' superjur tieghu dwar fejn u min kellu jimbotta garbage container.*

*Is-socjeta' intimata pproduciet lil Human Resources Manager - Cristina Galea. Din ma kenitx prezenti ghal kaz. Pero' investigat il-kaz, kellmet lill-partijiet individwalment u gie deciz li l-impjieg jigi terminat.*

*Xehed ukoll Antoine Bonello - Chief Steward mas-socjeta' intimata. Kienet il-persuna li l-appellant kellu d-diverbju mieghu. Irrakkonta li l-kaz gie krejat inutilment u kif l-appellant irreagixxa mieghu b' mod aggressiv.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi jirrizulta li l-appellant jammetti li kellu l-incident ma' superjuri tieghu. Pero' jikkontesta l-gravita' tieghu li wassal ghat-tkeccija mill-impjieg. Gie ritenut 'ad nauseam' minn dan it-Tribunal li l-impjegat irid jibza' ghal impjieg tieghu filwaqt li l-principal irid jibza' ghall-impjegati tieghu.*

*Huwa interess reciproku li jagevola z-zewg partijiet. Terminazzjoni tal-impjieg ghandha tittiehed fl-ambitu tac-cirkostanzi taghha u dan ovvjament wara debita deliberazzjoni lis-salvagwardji regoli kollha.*

*Jigi sottomess li l-procedura ta' dixxiplina kif esegwita u/jew applikata mis-socjeta` intimata ma hi xejn felici kif ukoll arbitrarjament sommarja.*

*Ma gewx prodotti l-atti u/jew rapport tas-seduta fejn gie trattat il-kaz tal-appellant. Ma saret l-ebda notifika ufficjali jew almenu formali. Ix-xhieda instemghu fl-assenza tal-appellant.*

*La kien assistit minn persuna ta' fiducja tieghu, u wisq anqas kellu l-fakolta' li jezamina l-istess xhieda prodotti kontra tieghu. Jinghad pero` li din il-laqgha saret jiem wara l-incident minghajr ma gie sottomess ghal xi passi ta' sospensjoni.*

*Dana kollu jirrizulta mix-xhieda tal-Human Resources Manager. Jigi ribadit li relazzjoni industrijali ma tigix esperjenzata b'dan il-mod. 'Due process' ma giex akkordat lil appellant (vide Sonny Borg vs Malta Fish Farms 16/6/03) u (Renato Briffa vs Diplomat Hotel Ltd 6/01/97). Proceduri dixxiplinarji ghandhom ikunu regolati, ippublicizzati u esegwiti skont il-principji tal-gustizzja naturali u l-appellant ikollu a konjizzjoni d-drittijiet tieghu meta rinfaccjat b' konsegwenza fatali bhala ma hi*

*terminazzjoni tal-istess impjieg tieghu (vide S Aitchison vs PZM Fish Farm (27/10/97) u P Mamo vs Vassallo Builders Ltd (15/4/96).*

*Bl-applikazjoni tal-principju ta' gustizzja naturali, l-impjegat ghandu jkollu dritt li jiddefendi ruhu fl-eventwalita' li tali procedura timporta terminazzjoni tal-impjieg (vide Sammy Borg vs Malta Fish Farming Ltd ; Renato Briffa vs Diplomat Hotel Ltd; Roland Schaffrath vs Travel T.V Pic - JRM 28/6/01)).*

*A bazi ta' tali nuqqasijiet kommassi mis-socjeta' mill-impjieg tikkostitwixxi ksur tal-kuntratt vigenti bejn il-partijiet datat 28 ta' April 2007. 'Theresa Micallef vs Palazzina Ltd Invetment' (14/12/98), 'Anthony Degaetano vs Planning Authority' (30/5/2005), 'David Mangion vs Melia Cable Television Ltd' (16/11/98).*

*Oltre minn hekk, irid jigi nvestigat jekk l-agir tal-appellant kienx daqstant gravi li jimmerita tkeccija immedjata minghajr ma gew konsiderati u/jew inflitti pieni diversi. L-allegazzjoni tas-socjeta` intimata ossia l-versjoni kif moghtija minn Antoine Bonello mhux tali ma gietx korroborata minn ebda xhud iehor izda talli giet negata fil-gravita' taghha mill-istess appellant. Rinfaccjat b'tali sitwazzjoni, il-principal seta' fic-cirkostanzi kif lilu prezentati jagixxi diversament. Una volta l-appellant ma kienx impjegat direttament mal-Hotel izda ma' kumpanija li tipprovdi haddiema unikament dana seta' facilment intbaghat f'post iehor. Seta jigi sospiz bla paga u/jew jehel penali.*

*Kienet decizjoni frettuloza ghalkemm damu diversi jiem jahsbuha!*

*Il-piena trid tkun suffragata mill-azzjoni u/jew ommissjoni tal-appellant.*

***Talba ghal Kumpens***

*Illi l-appellant qed jitlob li tigi lilu likwidata somma in linea ta' kumpens konsegwenti ghat-terminazzjoni tal-kuntratt ghal raguni mhux valida.*

*L-Art 36 (XIII) tal-Art XXII tas-sena 2002 jissanzjona terminazzjoni ta' kuntratt ghal raguni tajba u sufficjenti. Dana ma giex pruvat mill-principal. Jidhol allura in vigore Subinciz XI - cioe' l-impjegat irid jithallas nofs ir-rikavat ghaz-zmien pattwit fuq il-kuntratt. Ma jkun dovut xejn aktar f'kazijiet simili, a kuntrarju ta' impjieg ghal zmien indefinit.*

*Illi ai termini tal-kuntratt tax-xoghol ghal zmien definit datat 28 ta' April 2007 dan kellu validita' sat-30 ta' Settembru 2007. L-impjieg gie terminat fil-14 ta' Lulju 2007. Ir-rata kienet ta' lira u tmienja u tmenin (Lm1.88) fis-siegha ghal tletin (30) siegha fil-gimgha moltiplikat bi tnax-il gimgha li jammontaw ghal elf sitt mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1676.94).*

***<u>Konkluzjoni</u>***

*It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida. Ghalhekk l-appellant ghandu jithallas is-somma ta' elf sitt mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,676.94) lilu dovuti skont il-kuntratt tax-xoghol datata 28 ta ' April 2007.*

*Drittijiet jammontaw ghal sebghin ewro (€70)."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Hospitality Services Ltd., (C-27194) datat 29 ta' Frar 2012 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar z-zewg sentenzi decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi rispettivament datati 8 ta' Jannar 2010 u 17 ta' Frar 2012, u minflok tiddikjara li l-impjieg tal-appellat gie terminat waqt il-perijodu ta' *probation* u li konsegwentement l-impjieg tal-appellat gie terminat skont il-ligi. Bl-ispejjez a karigu tal-appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-10 ta' Mejju 2012.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Roderick Borg (ID Card No 138981M) datata 19 ta' April 2012 a fol 16 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud u d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datati rispettivament 8 ta' Jannar 2010 u 17 ta' Frar 2012 jigu kkonfermati fl-intier taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra s-socjeta` appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-appellat prezenti, u Dr. Massimo Vella ghas-socjeta` appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datati 8 ta' Jannar 2010 u 17 ta' Frar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravju tas-socjeta' appellanti huma li *probation* tezisti anke fil-kaz ta' impjieg ghal zmien definittiv u b'hekk la darba dan huwa l-kaz l-appellat tkecca fil-perjodu ta' *probation* u allura d-decizjoni tat- 8 ta' Jannar 2010 ghandha tigi revokata u jsewgi li l-istess irid issir fil-kaz tad-decizjoni tas-17 ta' Frar 2012.

Illi din il-Qorti thoss li fil-verita' **l-artikolu 36 (1) tal-Kap. 452** ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn kuntratt ghal zmien indefinit u kuntratt ta' zmien definit, u allura l-perjodu ta' *probation* ta' sitt xhur japplika fiz-zewg kazi, dment li ma jkunx hemm ftehim ghall-terminu iqsar miftiehem bejn il-partijiet.

F’dan il-kaz l-kuntratt kien ghal hames xhur biss, u ghalhekk jirrizulta li l-partijiet ghazlu li ma japplikawx dawn id-disposizzjonijiet dwar *probation* ghal kaz in ezami ghaliex ghazlu perjodu ta’ hames xhur bhala perjodu ta’ mpjieg ghal zmien definittiv.

Il-konsewgenza ta’ dan ma hijiex kif qed jghid l-appellant li allura l-perjodu ta’ *probation* japplika ghaz zmien kollu pattwiet, izda l-posizzjoni hija li f’dan il-kuntratt jidher li l-*probation* giet eskluza ghal kollox, u allura dan ifisser li fil-kuntratt pattwiet is-socjeta’ appellanti kellha taghti raguni tajba skont il-ligi sabiex tittermina l-impjieg tal-appellat u ma setghatx titterminah bla ma taghti raguni bhal meta l-impjegat ikun taht *probation*, u dan proprju ghaliex l-operazzjoni tal-**artikolu 36 (1) tal-Kap. 452** giet awtomatikament eskuza bil-perjodu miftiehem ta’ hames xhur.

Mela allura fuq bazi legali differenti d-decizjoni tat-8 ta’ Jannar 2010 hija korretta ghaliex l-impjieg tal-appellat ma giex terminat fi stadju ta’ *probation* u ghalhekk is-socjeta’ appellanti kellha jaghti raguni valida skont il-ligi sabiex tittermina l-impjieg tal-appellat.

Din il-Qorti hija konxja ta’ dak li pprova jsir b’dan it-tip ta’ kuntratt ta’ perjodu ta’ xoghol ta’ anqas minn sitt xhur. Izda skont din id-decizjoni u skont il-ligi, t-terminu pattwiet ta’ impjieg hekk qasir ma jaghtix *carte blanche* li impjegat jitkecca bla raguni.

Anzi jirrizulta li l-kuncett ta’ *probation* gie b’hekk eliminat minn tali ftehim u allura l-principal ma jistax jkecci l-impjegat bla ebda raguni. F’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li invista ta’ tali xorta ta’ kuntratti ghandu jkun intervent legislattiv sabiex jipprovdi ghal tali tip ta’ sitwazzjoni, u dan sabiex il-posizzjoni tkun cara kemm ghal impjegat u kemm ghall-principal b’Ligi li tindirizza tali xorta ta’ kuntratti godda li jidher li saru moda.

Mill-bqija la darba dan kien l-unika punt ta’ appell, mela allura ssewgi li dak kontenut fis-sentenza tat-Tribunal Industrijali datata 17 ta’ Frar 2012 qed tigi kkonfermata

ghas-semplici raguni, li sorvolat l-unika aggravju, ma hemm ebda aggravju fuq il-konsiderazzjonijiet mehuda f'din it-tieni decizjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat datata 19 ta' April 2012 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appelanti Hospitality Services Limited fir-rikors tal-appell datat 29 ta' Frar 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghar-ragunijiet hawn indikati qed tikkonferma ghal kull effett u buon fini tal-Ligi d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Roderick Borg vs vs Hospitality Services Limited" (Kaz Nru. 2537/JB – Decizjonijiet Nru. 1978 u 2128) datati rispettivament 8 ta' Jannar 2010 u 17 ta' Frar 2012.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Hospitality Services Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------